MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Numru. 886/2003

Il-Pulizija
(Spettur Yvette Farrugia)
vs
Emanuel Hili

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Emanuel Hili, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 131049(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli bejn it-8 ta' Jannar, 2001 u l-15 ta' Mejju 2002 u fis-snin ta' qabel fil-fond 69 Triq l-istefanotis, Santa Lucia, bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna illi kellu f'idejh l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' ilma li jammonta ghal LM157.02 ghad-dannu tal-Water Services Corporation, liema serq huwa ikkwalfikat bil-mezz, hin u valur;

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat iwiegeb li kien hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-22 ta' Jannar, 2004 meta kienu qed isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat :

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja ta' l-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu il-Qorti qeghda issibu <u>hati</u> ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261, 261 (e), 261 (c), 261 (f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 283, 18, 31, 20, 17 u 533 tal-Kap. 9. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta, kif ukoll il-fatt illi kif irrizulta mix-xhieda moghtija minn Dr Neville Young, rapprezentant tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma, l-imputat hallas l-ammont kollu dovut minnu lill-Korporazzjoni ta' l-ilma illi issa ma ghandha l-ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti tara li jkun aktar ta' beneficcju kemm ghas-socjeta', kif ukoll ghall-imputat jekk l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba.

Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446, filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk

jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kondizzjoni.

Finalment il-Qorti tordna illi l-imputat ihallas l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dan il-kaz fi zmien xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------